A.L. 116 ta' l-2004

ATT TA' L-2002 DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL (ATT NRU. XIV TA' L-2002)

Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kwalità ta' Ilma maħsub għall-Konsum mill-Bniedem

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-2002 dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kwalità ta' Ilma maħsub għall-Konsum mill-Bniedem, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Kwalità ta' Ilma maħsub għall-Konsum mill-Bniedem, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti principali". A.L. 25 ta' l-2004.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fid-29 ta' Jannar, 2004.

Iżid skedi mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih fi tmiem ir-regolamenti principali għandhom jiżdiedu dawn l-Iskedi I, II u III li ġejjin:–

Skeda I

PARAMETRI U VALURI PARAMETRIĊI

PARTI A

Parametri mikrobijoloġiċi

Parametru	Valur parametriku (numru/100 ml)
Escherichia coli (E. coli)	0
Enterococci	0
Dan li ġej japplika għal ilma offrut għall-bjegħ fi fliexken jew kontenituri:	
Parametru	**Valur parametriku**
Escherichia coli (E. coli)	0/250 ml
Enterokokċi	0/250 ml
Pseudomonas aeruginosa	0/250 ml
Għadd tal-kolonja 22 °C	100/ml
Għadd tal-kolonja 37 °C	20/ml

PARTI B

Parametri Kimiċi

Parametru	Valur parametriku	Unit	Noti
Akrilamid	0,10	µg/l	Nota 1
Antimonju	5,0	µg/l	
Arseniku	10	µg/l	
Benzin	1,0	µg/l	
Benzo(a)pirin	0,010	µg/l	
Boron	1,0	mg/l	
Bromat	10	µg/l	Nota 2
Kadmju	5,0	µg/l	
Kromju	50	µg/l	
Ram	2,0	mg/l	Nota 3
Cjanur	50	µg/l	
1,2-dikloroetan	3,0	µg/l	
Epikloroidrin	0,10	µg/l	Nota 1
Fluworidu	1,5	mg/l	Ma japplikax sal-31 Diċembru 2005
Ċomb	10	µg/l	Noti 3 and 4
Merkurju	1,0	µg/l	
Nikil	20	µg/l	Nota 3
Nitrat	50	mg/l	Nota 5 Ma japplikax sal-31 Diċembru 2005
Nitrit	0,50	mg/l	Nota 5
Pestiċidi	0,10	µg/l	Noti 6 and 7
Pestiċidi – Total	0,50	µg/l	Noti 6 and 8
Idrokarburi aromatiċi policikliċi	0,10	µg/l	Somma totali ta' konċentramenti ta' komposti speċifikati; Nota 9
Selenju	10	µg/l	
Tetrakloroetin u Trikloroetin	10	µg/l	Somma totali ta' konċentramenti ta' parametri speċifikati
Trialometani – Total	100	µg/l	Somma totali ta' konċentramenti ta' komposti speċifikati; Nota 10
Klorur tal-vinil	0,50	µg/l	Nota 1

Nota 1: Il-valur parametriku jirreferi għall-konċentrament ta' monomer li jibqa' fl-ilma kif ikkalkulat skond l-ispeċifikazzjonijiet tal-ħruġ massimu mill-polimer korrispondenti li jiġi f'kuntatt ma' l-ilma.

Nota 2: Meta possibbli, wieħed għandu jipprova jasal għal valuri aktar baxxi bla ma jikkompromettix d-diżinfettar.

Għall-ilma li jissemma fir-regolament 9, il-valur irid jintlaħaq, mill-inqas, f'10 snin kalendarji wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva tal-Kunsill 98/83/EC. Il-valur parametriku għall-bromat minn ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva tal-Kunsill 98/83/EC sa għaxar snin wara d-dħul fis-seħħ tagħha hu 25ug/l.

Nota 3: Il-valur japplika għal kampjun ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem meħud mill-vit b'metodu ta' teħid ta' kampjuni agedwat u meħud b'mod li jkun rappreżentattiv tal-medja ta' kull ġimgħa mixruba mill-konsumaturi.

Nota 4: Għall-ilma li jissemma fil-paragrafu 9, il-valur għandu jintlaħaq, mill-inqas, ħmistax-il sena kalendarja wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva tal-Kunsill 98/83/EC. Il-valur parametriku għaċ-ċomb minn ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva tal-Kunsill 98/83/EC sa ħmistax-il sena wara d-dħul fis-seħħ tagħha hu 25ug/l.

Fornituri ta' l-ilma għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri kollha addattati biex titnaqqas il-konċentrament ta' ċomb f'ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem kemm jista' jkun possibbli tul il-perijodu meħtieġ biex jasal għall-konformità mal-valur parametriku.

Waqt li jkunu qed jiġu implementati l-miżuri biex tintlaħaq il-konformità ma' dak il-valur, fornituri ta' l-ilma għandhom progressivament jagħtu prijorità fejn konċentramenti ta' ċomb f'ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem huma l-ogħla.

Nota 5: Fornituri ta' l-ilma għandhom jiżguraw li jkun hemm konformità mal-kondizzjoni li [nitrat]/50 + [nitrit]/3 ≤1, il-parenteżi kwadri li juru l-konċentramenti f'mg/l għan-nitrat (NO_3) u n-nitrit (NO_2), u li jkun hemm konformità mal-valur ta' 0,10 mg/l għan-nitriti f'xogħlijiet barra mit-trattement ta' l-ilma **CHECK**.

Nota 6: 'Pesticidi' tfisser:

- insettiċidi organiċi,
- erbiċidi organiċi,
- fungiċidi organiċi,
- nematoċidi organiċi,
- akariċidi organiċi,
- algiċidi organiċi,
- rodentiċidi organiċi,
- sustanzi organiċi li jneħħu t-tgħakkir **CHECK**,
- prodotti relatati (fosthom, regolaturi tat-tkabbir)

u l-prodotti rilevanti tagħhom ta' metaboliti, degradazzjoni u reazzjoni.

Dawk il-pestiċidi biss li x'aktarx ikunu preżenti f'fornitura speċifika jeħtieġ li jkunu kkontrollati kontinwament.

Nota 7: Il-valur parametriku japplika għal kull pestiċida individwali. Fil-każ ta' l-aldrin, dieldrin, ettakloru u epossidu ta' l-ettakloru, il-valur parametriku hu 0,030 µg/l.

Nota 8: 'Pestiċidi – Total' tfisser is-somma totali tal-pestiċidi individwali kollha misjubin u kkwantifikati tul il-proċedura tal-kontroll kontinwu.

Nota 9: Il-komposti speċifikati huma:

- benzo(b)fluworantin,
- benzo(k) fluworantin,
- benzo(gi)perilin,
- indeno(1,2,3-cd)pirin.

Nota 10: Meta possibbli, wieħed għandu jipprova jasal għal valuri aktar baxxi bla ma jikkompromietti d-diżinfettar.

Il-komposti speċifikati huma: kloroform, bromoform, dibromoklorometanu, bromodiklorometin.

Għall-ilma msemmi fil-paragrafu 9, il-valur għandu jintlaħaq mill-inqas f'għaxar snin mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva tal-Kunsill 98/83/EC. Il-valur parametriku għat-total ta' THMs minn ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva tal-Kunsill 98/83/EC sa għaxar snin wara d-dħul fis-seħħ tagħha hu 150ug/l.

Fornituri ta' l-ilma għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri kollha addattati biex jitnaqqas il-konċentrament ta' THMs f'ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem kemm jista' jkun possibbli tul il-perijodu meħtieġ biex jasal għall-konformità mal-valur parametriku.

Waqt li jkunu qed jiġu implementati l-miżuri biex jintlaħaq dan il-valur, fornituri ta' l-ilma għandhom jagħtu prijorità fejn konċentramenti ta' THM f'ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem huma l-ogħla.

PARTI Ċ

Parametri Indikaturi

Parametru	Valur parametriku	Unità	Noti
Aluminju	200	µg/l	
Ammonju	0,50	mg/l	
Klorur	250	mg/l	Nota 1
Clostridium perfringens (inklużi spori)	0	Numru/100 ml	Nota 2
Kulur	Aċċettabbli għal konsumaturi u ebda bidla anormali		
Konduttività	2500	µS cm^{-1} f'livell ta' 20 °C	Nota 1

Konċentrament ta' idroġenu	≥6,5 and ≤9,5	Unitajiet PH	Noti 1 and 3
Ħadid	200	µg/l	
Manganiż	50	µg/l	
Riħa	Aċċettabbli għal konsumaturi u ebda bidla anormali		
Ossidiżabilità	5,0	mg/l O_2	Nota 4
Sulfat	250	mg/l	Nota 1
Sodju	200	mg/l	
Togħma	Aċċettabbli għal konsumaturi u ebda bidla anormali		
Għadd tal-kolonja 22 °C	Ebda bidla anormali		
Batterja tal-koliform	0	Numru/100 ml	Nota 5
Karboniku organiku totali (TOC)	Ebda bidla anormali		Nota 6
Turbidità	Aċċettabbli għal konsumaturi u ebda bidla anormali		Nota 7

RADJUATTIVITÀ

Parametru	**Valur parametriku**	**Unità**	**Noti**
Tritju	100	Bq/l	Noti 8 u 10
Doża indikattiva totali	0,10	MSv/sena	Noti 9 u 10

Nota 1: L-ilma m'għandux ikun aggressiv.

Nota 2: Dan il-parametru m'hemmx għalfejn jitkejjel sakemm l-ilma ma joriġinax minn ilma tal-wiċċ jew ikun influwenzat minnu. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' dan il-valur parametriku, il-fornitur ta' l-ilma involut għandu jinvestiga l-provvista biex jiżgura li m'hemmx periklu potenzjali għas-saħħa li ġej mill-preżenza ta' mikro-organiżmi patoġeniċi, e.g. krittosporidju. Fornituri ta' l-ilma għandhom jinkludu r-riżultati ta' l-investigazzjonijiet kollha ta' dix-xorta fir-rapporti li għandhom jissottomettu skond il-paragrafi 26 u 27 ta' dawn ir-regolamenti.

Nota 3: Għal ilma bla gass fi fliexken jew kontenituri, il-valur minimu jista' jitnaqqas għal 4,5 pH unitajiet.

Għal ilma fi fliexken jew kontenituri li hu rikk minnu nnifsu jew arrikkit bid-diossidu tal-karbonju, il-valur minimu jista' jkun inqas.

Nota 4: Dan il-parametru m'hemmx għalfejn jitkejjel jekk il-parametru TOC jiġi analizzat.

Nota 5: Għal ilma fi fliexken jew kontenituri l-unità hi numru/250 ml.

Nota 6: Dan il-parametru m'hemmx għalfejn jitkejjel għal provvisti inqas minn 10000 m^3 kull ġurnata.

Nota 7: Fil-każ ta' trattament ta' ilma tal-wiċċ, fornituri ta' ilma għandhom jippruvaw jaslu għal valur parametriku li ma jaqbiżx il-1,0 NTU (unitajiet ta' turbidità nefelometrika) fl-ilma wara x-xogħol ta' trattament.

Nota 8: Frekwenzi ta' kontroll kontinwu jingħataw aktar tard fi Skeda II.

Nota 9: Bl-esklużjoni ta' tritju, potassju –40, radon u prodotti ta' radon dekadut; frekwenzi ta' kontroll kontinwu, metodi ta' kontroll kontinwu u l-lokali l-aktar rilevanti għal punti ta' kontroll kontinwu jingħataw aktar tard fi Skeda II.

Nota 10: 1. Il-proposti mitlubin minn Nota 8 fuq frekwenzi ta' kontroll kontinwu, u Nota 9 fuq frekwenzi ta' kontroll kontinwu, metodi ta' kontroll kontinwu u l-lokali l-aktar rilevanti għal punti ta' kontroll kontinwu fi Skeda II għandhom ikunu adottati skond il-procedura mniżżla fl-Artiklu 12 tad-Direttiva tal-Kunsill 98/83/EC. Meta dawn il-proposti jkunu qed jiġu elaborati l-Kummissjoni Ewropea għandha tqis fost ħwejjeġ oħra d-disposizzjonijiet rilevanti taħt il-leġislazzjoni eżistenti jew programmi ta' kontroll kontinwu addattati inklużi r-riżultati ta' kontroll kontinwu kif jinħarġu minnhom. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tissottometti dawn il-proposti mill-inqas fi żmien 18-il xahar wara d-data msemmija fl-Artiklu 18 tad-Direttiva tal-Kunsill 98/83/EC.

2. Stat Membru m'hux meħtieġ jikkontrolla kontinwament ilma għal tritju jew radjuattività biex jistabbilixxi doża indikattiva totali meta hu sodisfatt li, fuq il-bażi ta' kontroll kontinwu ieħor li jkun sar, il-livelli ta' tritju tad-doża indikattiva totali kkalkulata huma inqas ħafna mill-valur parametriku. F'dak il-każ, għandha tikkomunika r-raġunijiet tad-deċiżjoni tagħha lill-Kummissjoni Ewropea, inklużi r-riżultati ta' dan il-kontroll kontinwu ieħor li jkun sar.

Skeda II

KONTROLL KONTINWU

TABELLA A

Parametri li ghandhom ikunu analizzati

1. *Check monitoring*

L-iskop ta' kull *check monitoring* hu li jipprovdi regolarment informazzjoni fuq il-kwalità organoleptika u mikrobijoloġika ta' l-ilma fornut għall-konsum mill-bniedem u wkoll informazzjoni fuq l-effettività tat-trattament ta' ilma tax-xorb (partikolarment ta' diżinfettar) fejn jintuża, biex jiddetermina jekk ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jikkonformax jew le mal-valuri parametriċi rilevanti mniżżlin f'dawn ir-regolamenti.

Il-parametri li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għal *check monitoring*. L-Awtorità tas-Saħħa tista' żżid parametri oħra ma' din il-lista jekk jidhrilha xieraq u meħtieġ.

Aluminju (Nota 1)
Ammonju
Kulur
Konduttività
Clostridium perfringens (inklużi spori) (Nota 2)
Escherichia coli (E. coli)
Konċentrat ta' jonu ta' l-idroġenu
Ħadid (Nota 1)
Nitrit (Nota 3)
Riħa
Pseudomonas aeruginosa (Nota 4)
Togħma
Għadd tal-kolonja 22 °C u 37 °C (Nota 4)
Batterja tal-koliform
Turbidità

Nota 1: Meħtieġ biss meta użat bħala sustanza li tgħaqqad partikoli ta' *ore* biex jitneħħa ilma żejjed (flocculant) (*).

Nota 2: Meħtieġ biss jekk l-ilma joriġina minn ilma tal-wiċċ jew hu influwenzat minnu (*).

Nota 3: Meħtieġ biss meta l-kloraminazzjoni tintuża bħala diżinfettant (*).

Nota 4: Meħtieġ biss fil-każ ta' ilma offrut għall-bejgħ fi fliexken jew kontenituri.

(*) Fil-każijiet l-oħra kollha, il-parametri huma fil-lista għal kontroll kontinwu awditjat

2. *Audit monitoring*

L-iskop ta' kull *audit monitoring* hu li jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa biex ikun determinat jekk hemmx konformità jew le mal-valuri parametriċi ta' dawn ir-regolamenti kollha. Il-parametri kollha skond il-paragrafu 6 (2), (3) u (4) għandhom ikunu soġġetti għal kontroll kontinwu awditjat (**OR** as above) sakemm ma jkunx jista' jiġi stabbilit mill-Awtorita tas-Saħħa, għal perijodu li jkun determinat mill-Awtorita tas-Saħħa, li parametru x'aktarx m'hux se jkun preżenti fi provvista speċifika f'konċentramenti li jistgħu jwasslu għar-riskju ta' ksur tal-valur parametriku rilevanti. Dan il-paragrafu ma japplikax għall-parametri għal radjuattività li, soġġett għal Noti 8, 9 u 10 ta' Skeda I, Parti Ċ, ikunu kkontrollati kontinwament skond il-ħtiġiet ta' kontroll kontinwu adottati .

TABELLA B1

Frekwenzaa minima ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għal ilma maħsub għall-konsum milll-bniedem fornut minn nisga ta' distribuzzjoni jew minn fornitur privat ta' l-ilma jew minn tanker jew użat f'intrapriża tal-produzzjoni ta' l-ikel

Fornituri ta' l-ilma għandhom jieħu kampjuni fil-punti ta' konformità kif definiti fil-paragrafu 7(1) biex jiżguraw li ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jilħaq il-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti. Iżda, fil-każ ta' nisga ta' distribuzzjoni, il-fornitur ta' l-ilma jista' jieħu kampjuni fiz-zona tal-provvista jew fil-lokal tat-trattament għal parametri partikolari jekk jista' jintwera li ma jkunx hemm bidla li tagħmel ħsara lill-valur imkejjel tal-parametri involuti

Volum ta' ilma distribwit prodott kull jum f'zona ta' provvista (Noti 1 u 2) m^3		***Check monitoring* ta' numru ta' kampjuni fis-sena (Noti 3, 4 u 5)**	***Audit monitoring* ta' numru ta' kampjuni fis-sena (Noti 3 u 5)**
	≤ 100	(Nota 6)	(Nota 6)
> 100	≤ 1000	4	1
> 1000	≤ 10000	4 + 3 għal kull 1000 m^3/d u parti minnhom tal-volum totali	1 + 1 għal kull 3300 m^3/d u parti minnhom tal-volum totali
> 10000	≤ 100000		3 + 1 għal kull 10000 m^3/d u parti minnhom tal-volum totali
> 100000			10 + 1 għal kull 25000 m^3/d u parti minnhom tal-volum totali

Nota 1: Zona ta' provvista hija zona definita ġeografikament li fiha ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jiġi minn għajn waħda jew aktar u li fiha jew fihom l-kwalità ta' l-ilma tista' titqies li hi approssimattivament uniformi.

Nota 2: Il-volumi huma kkalkulati bħala medji meħudin tul sena kalendarja. Fornituri ta' l-ilma jistgħu jużaw in-numru ta' abitanti f'zona ta' provvista flok ilma biex jiddeterminaw il-frekwenza, u jassumu konsum ta' ilma ta' 200 l/jum/ras. Fil-każ ta' fornituri ta' l-ilma privati l-frekwenza għandha tkun ikkalkulata skond il-volum bħala medja meħuda tul sena kalendarja.

Nota 3: Fil-każ ta' provvista irregolari għal tul ta' żmien qasir il-frekwenza ta' kontroll kontinwu ta' ilma

distribwit b'tankers għandha tkun deċiża mill-Awtorità tas-Saħħa.

Nota 4: Għall-parametri differenti fi Skeda I, l-Awtorità tas-Saħħa tista' tnaqqas in-numru ta' kampjuni speċifikati fit-tabella jekk:

(a) Il-valuri tar-riżultati meħudin minn kampjuni meħudin tul perijodu ta' mill-inqas sentejn wara xulxin huma kostanti u sinifikatament aħjar mil-limiti mniżżlin fi Skeda I, u

(b) Ebda fattur m'hu x'aktarx se jikkaġuna deterjorament tal-kwalità ta' l-ilma.

L-aktar frekwenza baxxa applikata ma tistax tkun inqas minn 50% tan-numru ta' kampjuni speċifikati fit-tabella ħlief fil-każ partikolari ta' Nota 6.

Nota 5: Safejn hu possibbli, in-numru ta' kampjuni għandu jkun imqassam ugwalment fil-ħin u l-lokal.

Nota 6: Il-frekwenza għandha tkun deċiża mill-Awtorità tas-Saħħa.

TABELLA B2

Frekwenza minima ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għal ilma fi fliexken jew kontenituri maħsubin għall-bejgħ

Volum ta' ilma prodott biex jitqiegħed għall-bejgħ of water fi fliexken jew kontenituri kull jum (1) m^3	***Check monitoring* tan-numru ta' kampjuni fis-sena**	***Audit monitoring* tan-numru ta' kampjuni fis-sena**
≤ 10	1	1
> 10 ≤ 60	12	1
> 60	1 għal kull 5 m^3 u parti minnhom tal-volum totali	1 għal kull 100 m^3 u parti minnhom tal-volum totali

(1) Il-volumi huma kkalkulati bħala medji meħudin tul sena kalendarja

Skeda III

SPEĊIFIKAZZJONIJIET GĦALL-ANALIŻI TA' PARAMETRI

Fornituri ta' ilma għandhom jiżguraw li kull laboratorju fejn ikunu analizzati kampjuni għandu sistema ta' kontroll ta' kwalità analitika li hi soġġetta minn żmien għal żmien għal iċċekkjar minn persuna li m'hix taħt il-kontroll tal-laboratorju u li hi approvata mill-Awtorità tas-Saħħa għal dak l-iskop.

1. PARAMETRI LI GĦALIHOM HUMA SPEĊIKATI METODI TA' ANALIŻI

Dawn il-prinċipji li ġejjin għal metodi ta' parametri mikrobijoloġiċi huma mogħtija jew għar-referenza kull meta jingħata metodu CEN/ISO jew għal gwida, sakemm fil-futur ikun possibbli li jkunu adottati metodi internazzjonali CEN/ISO ulterjuri għal dawn il-parametri. Laboratorji jistgħu jużaw metodi alternattivi, sakemm jintlaħqu d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 14 ta' dawn ir-regolamenti.

Batterja koliform u *Escherichia coli (E. coli)* (ISO 9308-1)

Enterokokċi (ISO 7899-2)

Pseudomonas aeruginosa (prEN ISO 12780)

Enumerazzjoni ta' mikroorganiżmi kolturabbli – Għadd tal-kolonja 22 °C (prEN ISO 6222)

Enumerazzjoni ta' mikroorganiżmi kolturabbli – Għadd tal-kolonja 37 °C (prEN ISO 6222)

Clostridium perfringens (inklużi spori)

Filtrazzjoni tal-membrana segwita minn inkubazzjoni anerobika tal-membrana fuq m-CP agar (Nota 1) fi grad 44 ± 1 °C għal 21 ± 3 sigħat. Għodd il-kolonji sofor opaki li jsiru roża jew ħomor wara li jkunu esposti għal fwar ta' idrossidi ta' l-ammonju għal minn 20 sa 30 sekonda.

Nota 1: Il-kompożizzjoni ta' m-CP agar hi:

Medju tal-bażi

Triptose	30 g
Estratt tal-ħmira	20 g
Zokkor tal-kannamieli	5 g
Idroklorur ta' l-L-ċisteina	1 g

$MgSO_4 \cdot 7H_2O$	0,1 g
Ikħal bromokresol	40 mg
Agar	15 g
Ilma	1000 ml

Ħoll l-ingredjenti tal-medju tal-bażi, aġġusta pH għal 7,6 u sterilizza f'awtoklavi fi grad 121 °C għal 15-il minuta. Ħalli l-medju jiksaħ u żid:

D-ċikloserina	400 mg
Sulfat tal-polimiksina-B	25 mg
Indossil-β-D-glukosidu	60 mg
Irid jinħall fi 8 ml ilma sterilizzat qabel jiżdied	
Iffiltra – soluzzjoni sterilizzata 0,5% fenolftaleina *diphoHealth Authorityate*	20 ml
Iffiltra – sterilizzat 4,5% $FeCl_3 \cdot 6H_2O$	2 ml

2. PARAMETRI LI GĦALIHOM HUMA SPEĊIFIKATI KARATTERISTIĊI TA' KIF JOPERAW

2.1. Għall-parametri li ġejjin, il-karatteristiċi speċifikati ta' kif joperaw huma li l-metodu ta' analiżi użat għandu, bħala minimu, ikun kapaċi jkejjel konċentramenti ugwali għall-valur parametriku b'eżattezza, preċiżjoni u limitu ta' tkixxif speċifikati. Tkun xi tkun is-sensittività tal-metodu ta' analiżi użat, ir-riżultat għandu jkun espress bl-użu mill-inqas ta' l-istess numru ta' deċimali tal-valur parametriku ikkunsidrat fi Skeda I, Partijiet B u Ċ.

Parametri	% ta' eżattezza tal-valur parametriku (Nota 1)	% ta' preċiżjoni tal-valur parametriku (Nota 2)	% ta' limitu ta' tkixxif tal-valur parametriku (Nota 3)	Kondizzjonijiet	Noti
Akrilamid				Irid ikun ikkontrollat bl-ispeċifikazzjoni tal-prodott	
Aluminju	10	10	10		
Ammonju	10	10	10		
Antimonju	25	25	25		
Arseniku	10	10	10		
Benzo(a)pirin	25	25	25		
Benzin	25	25	25		
Boron	10	10	10		

Bromat	25	25	25		
Kadmju	10	10	10		
Klorur	10	10	10		
Kromju	10	10	10		
Konduttività	10	10	10		
Ram	10	10	10		
Ċjanur	10	10	10		Nota 4
1,2-dikloroetanu	25	25	10		
Epikloroidrin				Irid ikun ikkontrollat bl-ispeċifikazzjoni tal-prodott	
Fluworid	10	10	10		
Ħadid	10	10	10		
Ċomb	10	10	10		
Manganiż	10	10	10		
Merkurju	20	10	20		
Nikil	10	10	10		
Nitrat	10	10	10		
Nitrit	10	10	10		
Ossidiżabilità	25	25	10		Nota 5
Pestiċidi	25	25	25		Nota 6

Parametri	**% ta' eżattezza tal-valur parametriku (Nota 1)**	**% ta' preċiżjoni tal-valur parametriku (Nota 2)**	**% ta' limitu ta' tkixxif tal-valur parametriku (Nota 3)**	**Kondizzjonijiet**	**Noti**
Idrokarboni aromatiċi poliċikliċi	25	25	25		Nota 7
Selenju	10	10	10		
Sodju	10	10	10		
Sulfat	10	10	10		
Tetrakloroetin	25	25	10		Nota 8
Trikloroetin	25	25	10		Nota 8
Trialometani – Total	25	25	10		Nota 7
Klorur tal-vinil				Irid ikun	

				ikkontrollat bl-ispeċifikazzjoni tal-prodott	

2.2. Għall-konċentrament tal-jonu ta' l-idroġenu l-karatteristiċi ta' l-operat speċifikati huma li l-metodu ta' analiżi użat għandu jkun kapaċi jkejjel konċentramenti ekwivalenti għall-valur parametriku b'eżattezza ta' unità 0,2 pH u preċiżjoni ta' unità 0,2 pH.

Nota 1 (*): Eżattezza hi l-iżball sistematiku u hi d-differenza bejn il-valur medju tan-numru kbir ta' qisien ripetuti u l-valur veru.

Nota 2 (*): Preċiżjoni hi l-iżball addoċċ u hu espress ugwalment bħala d-devjazzjoni standard (fil-grupp u bejnu) tal-firxa ta' riżultati dwar il-medju. Preċiżjoni aċċettabbli hija d-doppju tad-devjazzjoni standard relattiva.

(*) Dawn it-termini huma definiti ulterjorment f'ISO 5725.

Nota 3: Limitu ta' tkixxif hu jew:

- tliet darbiet id-devjazzjoni ta' l-istandard tal-grupp ta' kampjun naturali li fih konċentrament baxxa tal-parametru, jew
- ħames darbiet id-devjazzjoni rilevanti ta' l-istandard tal-grupp ta' kampjun in bjank.

Nota 4: Il-metodu għandu jiddetermina ċ-ċjanur totali fil-forom kollha.

Nota 5: Ossidazzjoni għandha ssir għal 10 minuti fi grad 100 °C taħt kondizzjonijiet aċiduż bl-użu tal-permanganat.

Nota 6: Il-karatteristiċi ta' l-operat japplikaw għal kull pestiċida individwali u jiddependu mill-pestiċida involut. Il-limitu ta' tkixxif jista' ma jkunx jista' jintlaħaq għall-pestiċidi kollha fil-preżent, iżda fornituri ta' l-ilma għandhom jippruvaw jilħqu dan l-istandard.

Nota 7: Il-karatteristiċi ta' l-operat japplikaw għas-sustanzi individwali speċifikati f'livell ta' 25% tal-valur parametriku fi Skeda I.

Nota 8: Il-karatteristiċi ta' l-operat japplikaw għas-sustanzi individwali speċifikati f'livell ta' 50% tal-valur parametriku fi Skeda I.

3. PARAMETRI LI GĦALIHOM M'HU SPEĊIFIKAT EBDA METODU TA' ANALIŻI

Kulur

Riħa

Togħma

Karbonju organiku totali

Turbidità (Nota 1)

Nota 1: Għall-kontroll kontinwu tat-turbidità f'ilma tal-wiċċ ittrattat il-karatteristiċi ta' l-operat speċifikati huma li l-metodu ta' analiżi użat għandu, bħala minimu, jkun kapaċi jkejjel konċentramenti ekwivalenti għall-valur parametriku ma' eżattezza ta' 25%, preċiżjoni ta' 25% u 25% limitu ta' tkixxif.